



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 557 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Ir-Renju Unit

**Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni
Ewropea**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Ir-Renju Unit

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-klawżola, kif stipulata fl-Artikoli 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 u fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kienet tal-istess fehma bħall-Kunsill li, minħabba t-tnaqqis mistenni fir-ritmu ekonomiku bħala riżultat tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-kundizzjonijiet attwali jippermettu li l-klawżola tiġi attivata. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti diverġenza temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn objettiv baġitarju ta' żmien medju, dment li din ma tippreġudikax is-sostenibbiltà fiskali fiż-żmien medju. Rigward il-parti korrettiva, il-Kunsill jista' jiddeċiedi wkoll, b'rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissospendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Hija tippermetti lill-pajjiżi jitbiegħdu mir-rekwiżiti baġitarji li kienu normalment japplikaw filwaqt li l-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu jieħdu f'idejhom il-miżuri ta' koordinazzjoni tal-politika fil-qafas tal-Patt.

Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fir-Renju Unit¹ huwa mistenni li jkun ta' 2,5 % tal-PDG fis-sena finanzjarja 2019-20, filwaqt li d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jkun ta' 85,2 %. Madankollu, id-*data* tar-riżultati finali dwar id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika tal-2019-20 se tkun disponibbli biss fil-ħarifa tal-2020. Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, id-defiċit tar-Renju Unit huwa mistenni li jkun 10,7 % tal-PDG fl-2020-21, filwaqt li d-dejn huwa mistenni li jkun 102,5 % tal-PDG. L-evidenza kollha disponibbli, inklużi dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-livell ta' reazzjoni tal-politika baġitarja għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku serju assoċjat mal-pandemija tal-COVID-19, tindika defiċit b'mod sinifikanti b'eċċess tal-limitu ta' 3 % tal-PDG fl-2020-21 u fl-2021-22. Fl-ittra tagħha tas-7 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni talbet lir-Renju Unit biex jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar id-

¹ Ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Frar 2020. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020, meta r-Renju Unit irtira mill-UE. Dan jipprovdi għal perjodu ta' tranżizzjoni li matulu l-liġi tal-Unjoni, bi fteit eċċezjonijiet, hija applikabbli għar-Renju Unit u fir-Renju Unit. Kif definit bil-liġi tal-Unjoni applikabbli għalih matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jiġi ttrattat bħala Stat Membru tal-UE, iżda ma jipparteċipax fit-tehd tad-deċizzjonijiet tal-UE u fit-tfassil ta' deċizzjonijiet.

daqqs stmat tad-defiċit fl-2020-21. Madankollu, ir-Renju Unit ma pprovdix il-kjarifika mitluba, iżda għamel referenza għax-xenarju tal-COVID-19 mingħand l-Uffiċċju għar-Responsabbiltà tal-Baġit, li jistenna defiċit ferm 'il fuq minn 3 % fl-2020-21. Meta jitqiesu daww il-fatturi, il-Kummissjoni tikkunsidra l-previzzjoni attwali tagħha ta' defiċit ta' 10,7 % tal-PDG fl-2020-21 bħala evidenza konvinċenti biżżejjed *prima facie* ta' defiċit eċċessiv kif definit fl-Artikolu 126(2)(a) tat-Trattat.

B'dan l-isfond, il-Kummissjoni għalhekk ħejjiet dan ir-rapport, li janalizza l-konformità tar-Renju Unit mal-kriterji tad-dejn u d-defiċit tat-Trattat. Dan iqis il-fatturi rilevanti kollha u jqis kif xieraq ix-xokk ekonomiku kbir marbut mal-pandemija tal-COVID-19.

Tabella 1. Defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)

		2016-17	2017-18	2018-19	2019-20 COM	2020-21 COM	2021-22 COM
Kriterju tad-defiċit	Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika	-2,8	-2,7	-1,8	-2,5	-10,7	-6,2
Kriterju tad-dejn	Dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika	85,2	84,6	84,2	85,2	102,5	100,2

Nota: Sors: Il-Eurostat, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni

2. KRITERJU TAD-DEFIĊIT

Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tar-Renju Unit fl-2020-21 huwa mistenni li jilħaq l-10,7 % tal-PDG, 'il fuq u mhux qrib il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. L-eċċess imbassar fuq il-valur referenzjarju tat-Trattat fl-2020-21 huwa eċċezzjonali, minħabba li jirriżulta minn tnaqqis ekonomiku qawwi. B'kont meħud tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni jipproġetta tnaqqis tal-PDG reali fl-2020 bi 8,3 %.

L-eċċess imbassar fuq il-valur referenzjarju tat-Trattat mhuwiex temporanju, fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, li jipproġetta li d-defiċit jibqa' 'il fuq minn 3 % tal-PDG fl-2021-22.

Fil-qosor, id-defiċit imbassar għall-2020-21 huwa 'il fuq u mhux qrib il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG. L-eċċess imbassar jitqies bħala eċċezzjonali u mhux temporanju kif definit mit-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-evidenza kollha disponibbli, inklużi dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-livell ta' reazzjoni tal-politika baġitarja għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku serju assoċjat mal-pandemija tal-COVID-19, tindika defiċit b'mod sinifikanti b'eċċess tal-limitu ta' 3 % tal-PDG fl-2020-21 u fl-2021-22. Fl-ittra tagħha tas-7 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni talbet lir-Renju Unit biex jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar id-daqqs stmat tad-defiċit fl-2020-21. Madankollu, ir-Renju Unit ma pprovdix il-kjarifika mitluba, iżda għamel referenza għax-xenarju tal-COVID-19 mingħand l-Uffiċċju għar-Responsabbiltà tal-Baġit, li jistenna defiċit ferm ogħla minn 3 % fl-2020-21. Meta jitqiesu daww il-fatturi, il-Kummissjoni tikkunsidra l-previzzjoni attwali tagħha ta' defiċit ta' 10,7 % tal-PDG fl-2020-21 bħala evidenza konvinċenti biżżejjed *prima facie* ta' defiċit eċċessiv kif definit fl-Artikolu 126(2)(a) tat-Trattat. Għalhekk, l-analiżi tissuġġerixxi li

prima facie l-kriterju tad-defiċit kif definit mit-Trattat u r-Regolament (KE) Nru 1467/97 ma jintlaħaqx.

3. FATTURI RILEVANTI

L-Artikolu 126(3) tat-Trattat jistipula li, jekk Stat Membru ma jissodisfax il-ħtiġijiet ta' wieħed minn dawn il-kriterji jew tat-tnejn li huma, il-Kummissjoni jkollha tħejji rapport. Dan ir-rapport irid ukoll "iqis jekk id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ikunx jeċċedi n-nefqa tal-amministrazzjoni pubblika f'investment u jqis il-fatturi kollha rilevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u tal-estimi għall-futur medju tal-Istat Membru".

Dawn il-fatturi huma ċċarati aktar fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jipprovdi wkoll li "kwalunkwe fattur ieħor li, fl-opinjoni tal-Istat Membru kkonċernat, huwa rilevanti sabiex tiġi vvalutata b'mod komprensiv il-konformità mal-kriterji tad-defiċit u d-dejn u li l-Istat Membru ressaq lill-Kunsill u lill-Kummissjoni" jeħtieġ li jingħata kunsiderazzjoni xierqa. Kif speċifikat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, fir-rigward tal-kriterju tad-defiċit, billi l-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG jaqbeż il-valur referenzjarju ta' 60 % u li l-kundizzjoni doppja mhijiex irrispettata - jiġifieri li d-defiċit jibqa' qrib il-valur referenzjarju u li l-eċċess tiegħu fuq il-valur referenzjarju jkun temporanju - dawn il-fatturi rilevanti ma jistgħux jitqiesu fil-passi li jwasslu għad-deċizzjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi tal-kriterju tad-defiċit għar-Renju Unit.

Fis-sitwazzjoni attwali, fattur addizzjonali ewlieni li għandu jitqies fir-rigward tal-2020 huwa l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19, li għandha impatt sostanzjali ħafna fuq is-sitwazzjoni baġitarja u tirriżulta f'perspettiva inċerta ħafna. Il-pandemija wasslet ukoll għall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali.

3.1. Il-pandemija tal-COVID-19

Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal xokk ekonomiku kbir li qed ikollu impatt negattiv sinifikanti fl-Unjoni Ewropea kollha. Il-konsegwenzi għat-*tkabbir* tal-PDG se jiddependu fuq kemm se ddum il-pandemija kif ukoll il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali u fuq livell Ewropew u dinji biex titnaqqas il-firxa tagħha, jiġu protetti l-kapaċitajiet ta' produzzjoni u tiġi appoġġata d-domanda aggregata. Il-pajjiżi diġà adottaw, jew qed jadottaw, miżuri baġitarji biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa u jipprovdu l-ġhajnuna lill-individwi u lis-setturi partikolarment affettwati. Ġew adottati wkoll miżuri ta' appoġġ ta' likwidità sinifikanti u garanziji oħra. Soġġett għal informazzjoni aktar dettaljata, l-awtoritajiet kompetenti tal-istatistika għandhom jeżaminaw jekk dawn il-miżuri jinvolvu impatt immedjat fuq il-bilanċ ġenerali tal-amministrazzjoni pubblika jew le. Flimkien mat-tnaqqis fl-attività ekonomika, dawn il-miżuri se jikkontribwixxu għal pożizzjonijiet ta' defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika sostanzjalment oġġla.

3.2 Pożizzjoni ekonomika fiż-żmien medju

Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, il-PDG reali tar-Renju Unit huwa mistenni li jonqos sew fl-ewwel nofs tal-2020. Il-miżuri ta' *lockdown* li ġew implimentati tard f'Marzu biex titrażżan il-firxa tal-COVID-19 wasslu għal tnaqqis qawwi fl-attività ekonomika f'ħafna setturi tal-ekonomija. Hekk kif qed jittaffew il-miżuri ta' trażżin, l-

ekonomija jenħtieġ li tibda tirkupra. B'mod ġenerali, il-PDG reali tar-Renju Unit huwa mistenni jonqos bi 8,3 % fl-2020. Dan huwa fattur mitiganti fil-valutazzjoni tal-konformità tar-Renju Unit mal-kriterju tad-defiċit fl-2020.

Hemm livell għoli eċċezzjonali ta' inċertezza dwar il-perspettiva makroekonomika. Bidliet fis-suppożizzjonijiet dwar it-tul tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri ta' *lockdown* relatati jbiddu b'mod sinifikanti l-perspettiva ta' tbassir.

3.3 Pożizzjoni baġitarja fiż-żmien medju

Ir-Renju Unit ġie rakkomandat fit-13 ta' Lulju 2018 biex jiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja tal-amministrazzjoni pubblika, netta minn miżuri diskrezzjonali b'rabta mad-dħul u dawk ta' darba, ma taqbiżx il-1,6 % fl-2019-20 ("il-parametru referenzjarju tan-nefqa"), li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG². Il-valutazzjoni kumplessiva tindika devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2019 u matul l-2018-20 meħuda flimkien. Madankollu, valutazzjoni finali tista' ssir biss fil-Ħarifa tal-2020 meta tkun disponibbli *data* tar-riżultati għall-2019-20.

Fiż-żmien medju, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti. Dan huwa minħabba t-tnaqqis ekonomiku mistenni flimkien ma' diversi miżuri fiskali mħabbra mill-Gvern tar-Renju Unit biex jittrattaw il-konsegwenzi tal-COVID-19, bħall-appoġġ għall-impjegati u l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, appoġġ għan-negozji u żieda fl-infiq soċjali. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jiżdied għal 10.7 % fl-2020-21, qabel ma jinżel għal 6.2 % fl-2021-22. Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jiżdied minn 85,2 % fl-2019-20 għal 102,5 % tal-PDG fl-2020-21, qabel ma jinżel f'it għal 100,2 % tal-PDG fl-2021-22.

Dawn iċ-ċifri previsti huma soġġetti għal livell għoli ta' inċertezza. Pereżempju, l-ispejjeż tal-miżuri fiskali huma dipendenti fuq il-livelli ta' teħid u tul ta' żmien tal-miżuri ta' *lockdown*. Bidliet fil-perspettiva makroekonomika jaffettwaw ukoll b'mod sinifikanti l-perspettiva fiskali.

3.4 Il-pożizzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika fiż-żmien medju


Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jiżdied minn 85,2 % tal-PDG fl-2019-20 għal 102,5 % sal-2020-21.

L-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ġiet aġġornata bit-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni. B'mod ġenerali, il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tad-dejn tindika li minkejja r-riskji, il-pożizzjoni tad-dejn tibqa' sostenibbli matul iż-żmien medju, b'kont meħud tal-fatturi ta' mitigazzjoni importanti (inkluż il-profil tad-dejn). B'mod partikolari, filwaqt li l-pożizzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika tiddeterjora minħabba l-kriżi tal-COVID-

² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tar-Renju Unit; ĠU C 320, tal-10.9.2018, p. 119.

19, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG fil-linja bażi huwa mistenni li jkun fuq trajettorja sostenibbli (li qed tonqos f'it) tul iż-żmien medju³

Grafika 1: Il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG, ir-Renju Unit, % tal-PDG



Sors: Servizzi tal-Kummissjoni

3.5 Fatturi oħrajn ippreżentati mir-Renju Unit

Fit-12 ta' Mejju 2020, l-awtoritajiet tar-Renju Unit baġhtu ittra bil-fatturi rilevanti skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. L-analiżi ppreżentata fit-taqsimiet preċedenti diġà tkopri b'mod wiesa' l-fatturi ewlenin ippreżentati mill-awtoritajiet.

4. KONKLUŻJONIJIET

Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tar-Renju Unit fl-2020-21 huwa previst li jiżdied għal 10,7 % tal-PDG, 'l fuq u mhux qrib it-3 % tal-valur referenzjarju tal-PDG tat-Trattat. L-eċċess imbassar fuq il-valur referenzjarju huwa kkunsidrat bħala eċċezzjonali iżda mhux temporanju.

L-evidenza kollha disponibbli, inklużi dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-livell ta' reazzjoni tal-politika baġitarja għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku serju assoċjat mal-pandemija tal-COVID-19, tindika defiċit b'mod sinifikanti b'eċċess tal-limitu ta' 3 % tal-

³ Il-linja bażi hija bbażata fuq it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni. Lil hinn mill-2021, qed jiġi preżunt aġġustament gradwali tal-politika fiskali, konsistenti mal-oqfsa ta' koordinazzjoni u ta' sorveljanza ekonomika u fiskali tal-UE. It-tkabbir reali tal-PDG huwa proġettat skont l-hekk imsejħa metodoloġija EPC/OGWG T+10. B'mod partikolari, it-tkabbir attwali tal-PDG (reali) huwa xprunat mit-tkabbir potenzjali tiegħu u huwa affettwat minn kull aġġustament fiskali addizzjonali kkunsidrat (permezz tal-multiplikatur fiskali). L-inflazzjoni hija mistennija li tersaq gradwalment lejn it-2 %. Is-suppożizzjonijiet tar-rati tal-imgħax huma stabbiliti f'konformità mal-aspettattivi tas-suq finanzjarju. Fix-xenarju avvers, rati tal-imgħax ogħla (b'500 punt bażi) u tkabbir tal-PDG aktar baxx (b'-0.5 punt bażi), fir-rigward tal-linja bażi, huma preżunti (matul l-orizzont ta' proġettazzjoni).

PDG fl-2020-21 u fl-2021-22. Fl-ittra tagħha tas-7 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni talbet lir-Renju Unit biex jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar id-daqs smat tad-defiċit fl-2020-21. Madankollu, ir-Renju Unit ma pprovdiex il-kjarifika mitluba, iżda għamel referenza għax-xenarju COVID-19 mingħand l-Uffiċċju għar-Responsabbiltà tal-Baġit, li jistenna defiċit ferm oġġla minn 3 % fl-2020-21. Meta jitqiesu dawk il-fatturi, il-Kummissjoni tikkunsidra l-previżjoni attwali tagħha ta' defiċit ta' 10,7 % tal-PDG fl-2020-21 bħala evidenza konvinċenti biżżejjed *prima facie* ta' defiċit eċċessiv kif definit fl-Artikolu 126(2)(a) tat-Trattat.

Id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jkun 85,2 % tal-PDG fi tmiem is-sena finanzjarja 2019-20, 'il fuq mis-60 % tal-valur referenzjarju tal-PDG skont it-Trattat. Ir-Renju Unit mhuwiex mistenni li jkun għamel progress suffiċjenti biex jilħaq il-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2019-20. Madankollu, id-*data* finali dwar ir-riżultati se tkun disponibbli biss fil-Ħarifa tal-2020.

F'konformità mat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dan ir-rapport eżamina wkoll fatturi rilevanti. Fir-rigward tal-konformità mal-kriterju tad-defiċit fl-2020-21, madankollu billi l-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG jaqbeż il-valur referenzjarju ta' 60 % u li l-kundizzjoni doppja mhijiex irrispettata - jiġifieri li d-defiċit jibqa' qrib il-valur referenzjarju u li l-eċċess tiegħu fuq il-valur referenzjarju jkun temporanju - dawk il-fatturi rilevanti ma jistgħux jitqiesu fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi tal-kriterju tad-defiċit għar-Renju Unit.

Kollox ma' kollox l-analiżi tissuġġerixxi li l-kriterju tad-defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 mhuwiex issodisfat.